



# Il-Bażilika Santwarju ta' Marija Assunta fil-Mosta – Biex tibqa' titfakkar l-istorja

*Is-Sur Joe Chetcuti - President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija*

Il-parroċċa tal-Mosta ġiet imwaqqfa nhar is-16 ta' Settembru tal-1608 mill-Isqof Tumas Gargallo, b'Dun Ġwann Bezzina jingħata l-pussess bħala l-ewwel kappillan nhar l-10 ta' Novembru tal-1610. Il-Mostin mill-ewwel ħasbu sabiex jibnu Knisja akbar u għal dan il-għan kien tqabbad l-arkitett Tumas Dingli. It- tieni knisja parrokkjali tlestiet fl-1619 li nbniet flok knisja iżgħar, iżda skont Monsinjur Dusina li kien żar il-Mosta fl-1575 iddiskrivieha bħala 'Knisja Parrokkjali' u li kienet 'wiesgħa u xierqa biżżejjed'. Din il-knisja bdiet tiżżejjen b'opri tal-arti u fl-1678 ġie mpitter il-kwadru titulari li juri l-Assunzjoni tal-Verġni Marija minn Stefano Erardi u tħallas b'legat ta' Dun Ġakbu Chetcuti.

Għadda ż-żmien u l-Kappillan Żurrieqi Dun Feliċ Calleja ħass il-ħtieġa li jibni knisja akbar. Din id-darba ntgħażlet il-pjanta ta' knisja Rotunda tal-Arkitett Inġinier George Grognet de Vasse. L-ewwel ġebla tqiegħdet nhar it-30 ta' Mejju tal-1833 mill-Arċidjaknu Monsinjur Salv Lanzon, Vigarju Ġenerali ta' Malta. Il-ħidma tal-Mostin ma qatgħetx. Ħadmu bla heda sabiex jaraw dan il-monument tassew għal qalbhom jitlesta. Fil-fatt ir-Rotunda tbierket nhar is-16 ta' Frar tal-1860 u nhar il-11 ta' Marzu tal-istess sena b'ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna bil-Monsinjur Gaetano Pace Forno jintona t-Te Deum. Ir-Rotunda ġiet ikkonsagrata minn Monsinjur Gaetano Pace Forno nhar il-15 ta'Ottubru tal-1871 u nhar l-10 ta' Lulju tal-1886 ingħatat it-titlu ta' Arċipretali.

Fl-1913 Malta ntgħażlet biex tilqa' l-XXlV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Il-Mostin kienu ferm kburin li ntgħażlet prorpju r-Rotunda tagħhom sabiex fija nhar it-23 ta' April tal-istess sena jsir il-ftuħ ta' dan il-Kungress fil-preżenza tal-Kardinal Domenico Ferrata, legat tal-Papa u diversi Kardinali u Isqfijiet oħra.

F'nofs is-seklu XX Malta sabet ruħha fil-qalba tal-ġlied tat-tieni gwerra dinjija. Matul dawn iż-żminijiet koroh, il-Mostin dejjem żammew it-tama tagħhom f'Marija u nhar id-9 ta' April tal-1942 waqt li l-poplu kien miġbur fir-Rotunda għall-Ora Santa, bomba nifdet il-koppla eżatt fl-4.40 p.m. u b'miraklu ħadd ma weġġa' għax mirakolużament ma splodietx.

Nhar it-22 ta' Settembru tal-1946, fir-Rotunda saret petizzjoni nazzjonali lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju Xll biex jiddefinixxu bħala Domma ta' fidi l-Assunzjoni fis-Sema tal-Madonna bir-ruħ u bil-ġisem.

L-10 ta' Awwissu tal-1975 jibqa' mniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Mosta. Fil-fatt kien proprju l-Arċipriet Dun Bartilmew Bezzina li twebbel li jinkuruna x-xbieha għażiża tal-Assunta meqjuma fil-kwadru titulari tar-Rotunda fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni. L-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi b'digriet mill-Vatikan ta permess biex dawk it-tfal li kienu se jitilfu l-ewwel tqarbina minħabba l-età għal tliet xhur setgħu jirċevuha bħala dispenza speċjali għall-Għid tal-Inkurunazzjoni. Fil-fatt kien hemm 192 tfal (108 bniet u 84 subien) daqskemm kien fiha perli l-kuruna li tqiegħdet fuq ix-xbieha tal-Assunta.

Filgħaxija mbagħad kien wasal il-mument storiku tal-Inkurunazzjoni meta Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi f'isem u bl-awtorità tal-Papa Pawlu Vl, qiegħed kuruna tad-deheb fuq ix-xbieha tal-Madonna fil-kwadru titulari tal-Assunta. B'hekk ir-Rotunda ġiet mgħollija għad-Dinjità ta' Santwarju.

Il-Kardinal Corrado Ursi, Arċisqof ta' Napli, kien il-mistieden speċjali għal dawn il-festi tal-Inkurunazzjoni. Wara l-quddiesa pontifikali, nhar il-15 ta' Awwissu tal-1975, il-Kardinal Corrado Ursi qiegħed ċurkett f'wieħed mis- swaba' tal-Istatwa titulari. Kif qal waqt il-paneġierku "Illum intom se twettqu ċerimonja oħra, li tikkumplimenta dik ta' nhar il-Ħadd: Tqiegħed ċurkett f'saba' ta' persuna jfisser li titgħarras ma' dik il-persuna".

Marbuta wkoll ma' din il-ġrajja tal-Inkurunazzjoni huwa t-tqegħid taċ-ċintorin tad-deheb mal-istatwa titulari nhar l-Għid tal-Assunta tal-1985 mill-Isqof Mariam Pzykucki.

Fi żmien l-Arċipriet Dun Joe Carabott fl-okkażjoni tal-50 sena mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta kif ukoll tal-25 sena mill-Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari ġie mqiegħed Stellarju mat-titular għażiż tal-Assunta nhar l-10 ta' Awwissu tas-Sena 2000. It-tnax-il

stilla huma tad-deheb abjad imżejna b'djamant fin-nofs ta' kull stilla.

Kien għalhekk naturali dak li ġara f'nhar il-Għid tal-Assunta tas-sena 2015, meta l-Arċipriet Dun Albert Buhagiar għamel it-talba formali lill-Monsinjur Arċisqof biex dan is-Santwarju jingħata t-titlu ta' Bażilika Minuri.

Wara snin ta' ħidma, il-ħolma ta' ħafna Mostin seħħet. Kien proprju nhar id-29 ta' Lulju 2018, fi żmien l-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana, li Monsinjur Arċisqof ta' Malta Charles Jude Scicluna għolla dan it-tempju għal Bażilika Minuri. Dan seħħ b'digriet pontifiċċju tal-Papa Franġisku li jġib id-data tal-31 ta' Mejju tal-2018.

L-arma tal-Mosta turi salib ħamrani fuq sfond tal-fidda – simbolu tal-fidi nisranija, stilla bajda fin-nofs – simbolu tal-Madonna Patruna tal-Mostin u ċ-ċirku isfar illi jfisser ir-Rotunda.

Jagħlaq kollox huwa l-motto tal-Mosta 'Spes Alit Ruricolam' it-tama tgħajjex lill-bidwi. Dan ifakkarna li il-Mosta kien raħal li niesu kienu jgħixu mir-raba'.

Kien tassew jixraq li r-Rotunda tal-Mosta tingħata dan il-ġieħ. Fuq kollox eluf ta' turisti kuljum jiġu jżuru dan il-monument nazzjonali li jagħmel ġieħ lil Malta.

Il-Parroċċa tal-Mosta għadha kemm ippubblikat ktieb biex jinżamm bħala tifkira ta' dak kollu li seħħ fil-festa ta' Santa Marija tas-sena li għaddiet 2018. Kif kulħadd jaf nhar id-29 ta' Lulju 2018, l-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Charles Jude Scicluna waqt Quddiesa Pontifkali qara d-Digriet Pontifiċċju li biħhil-knisja Arċipretali u Santwarju tal-Assunta ngħatat it-titlu prestiġjuż ta' Bażilika Minuri mill-Papa.

Il-ktieb fih 80 paġna u huwa mimli b'ritratti sbieħ ta' kull ċelebrazzjoni li saret jum wara jum. Barra li wieħed jista' jaqra l-informazzjoni kollha dwar dawn l-avvenimenti, hemm ukoll ritratti u tagħrif dwar il-proċess kollhu mis-sena 2015 sa 2018 biex din l-ġrajja li tant u tant kienet mixtieqa mill-Mostin li tant għandhom għal qalbhom ir-Rotunda setgħet isseħħ.

Il-ktieb jibda kif inhu xieraq b'messaġġ mill-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana u jintemm b'diskors memorabbli li l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof ta' Malta Charles Jude Scicluna li kien għamel nhar il-Hadd 29 ta' Lulju 2018 waqt il-Pontfikal li fih inqara d-Digriet tal-Bażilika. Fil-faċċata tal-ktieb hemm ritratt sabiħ tal-Bażilika minn barra u fuq wara ritratt tal-lapida li tfakkar din il-ġrajja bl-isfond tal-Koppla minn ġewwa.

Il-ktieb jista' jinxtara mis-*souvenir shop* li jinsab fil-Bażilika fis-Sagristija tal-Bomba mit-Tnejn sal Ġimgħa bejn it-8.30 a.m. u l-5.30 p.m. u nhar ta' Sibt bejn it-8.30 a.m. sas-2.30 p.m. għall-prezz ta' 10 euro.







***Żewġ kotba ta' tifkira fl-okkażjoni tat-twaqqif tal-Bażilika***